

Brussell, 12 ta' April 2024
(OR. en)

8870/24

ECOFIN 444
UEM 92

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Il-faċilità tal-Unjoni li ttipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' April 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-faċilità tal-Unjoni li ttipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 approvati mil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) li saret fit-12 ta' April 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Dwar il-faċilità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002

Il-KUNSILL tal-Unjoni Ewropea:

1. WARA li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (il-faċilità);
2. WARA li kkunsidra l-Artikolu 10 tar-Regolament imsemmi hawn fuq, li jesiġi li l-Kunsill jeżamina, kull tliet snin, jekk il-faċilità għadhiex tissodisfa, fil-prinċipju, l-arranġamenti u l-limitu massimu tagħha, il-ħtieġa li wasslet għall-ħolqien tagħha, abbażi tar-rapport tal-Kummissjoni u wara li l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) ikun ta l-opinjoni tiegħu;
3. WARA LI EŻAMINA r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, maħruġ fid-29 ta' Jannar 2024; u l-opinjoni tal-KEF, adottata fil-25 ta' Marzu 2024;
4. HUWA TAL-FEHMA li l-faċilità, fil-prinċipju, l-arranġamenti u l-limitu massimu attwali tagħha, għadha sservi l-finijiet li għalihom ġiet stabbilita, għalkemm hemm lok biex jiġu aġġornati l-modalitajiet ta' finanzjament;
5. JINSAB LEST LI JIDDISKUTI AKTAR it-tagħlim li għandu jinsilet mill-kriżijiet reċenti u l-iżviluppi istituzzjonali, ekonomiċi u finanzjarji mill-2009, u l-implikazzjonijiet possibbli tagħhom għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-faċilità.